**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 12 ta' Frar, 2002

**Numru 61**

**Avviz. numru 703/01JR**

**Joseph Celeste ghan-nom u fl-interess tad-ditta "Celeste Video rentals"**

**vs**

**Mary Grace Farrugia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Awissu, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mitt lira Maltija (Lm100.00), bilanc ta' soma akbar rapprezentanti prezz ta' "playstation" lilha mibjugha u konsenjata.**

**Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar, 2001, u bl-imghaxijiet legali mid-data ta' l-istess ittra ufficjali kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma dehret.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Henry Antoncich ghall-attur li kkonferma li l-ammont mitlub ghadu dovut.**

**Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' it-talba attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur nomine s-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100.00), bl-imghax legali mill-29 ta' Jannar, 2001.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-29 ta' Jannar, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**